# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar is-6 ta' Frar, 2023

Avviz tat-Talba numru: 235/2022 CL

**Awtorita' tad-Djar**

**VERSUS**

**Kamie Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar l-4 ta' Awwissu 2022 fejn l-Awtorita' tad-Djar talbet sabiex lil-konvenuta thallas is-somma ta' elf tlett mija u tmenin euro u sittin centezmu (€1,380.60) liema ammont kien inhareg b'sussidju mill-Awtorita. Skond il-ftehiem ta' kirja mis-sid tal-fond nru. 30, Flat 1, Triq ic-Cern, ix-Xghajra datat 18 ta' April 2019, Il-konvenuta kienet applikat mal-Awtorita' ghall-iskema intitolata Beneficcju tal-Kera f'Residenza Privati (kopja tal-iskema Dok A u applikazzjoni Dok B annessi). L-applikazzjoni giet accetatata mill-Aworita fis-17 ta' Gunju 2019 u fit-2 ta' Lulju 2019, gie iffirmat ftehiem bejn l-Awtorita' u Kamie Zammit,(DoK C) fejn l-Awtorita' obbligat ruhha li ser taghti lil beneficjarja Kamie Zammit, is-somma ta' erbat elef u tmien mitt euro (€4,800), kull sena. Illi irrizulta illi l-konvenuta okkupat il-post bejn il-11 ta' Lulju 2019 u 31 ta' Ottubru 2019 u ghalhekk ma onoratx il-kondizzjonijiet tak-kuntratt ta' kera u wisq anqas il-kondizzjonijiet tal-iskema tal-Awtorita' tad-Djar, partikolarment tal-klawsola 15.

*Jekk il-beneficjarju:*
*c. jonqos milli josserva l-kundizzjonijier tal-iskema; jew*
*d. ma jibqax jghix u juza l-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu; jew*
*e. jonqos li jipprovdi l-kuntratt tal-kirja kif ukoll ircevuti validi tal-kera mhallsa;*

*huwa awtomatikament*

*(i) jitlef id-dritt ghall-beneficcju fuq il-kera ghall-perjodi ta' zmien lil-Awtorita' tiffissa u dan fid-diskrezzjoni assoluta taghha,u*
*(ii) Jigi suggett ghall-penalitajiet sad-doppju tal-beneficcju li kien ibbennifika, kif jigi stabbilit mill-Awtorita' fid-diskrezzjoni assoluta taghha.*

Ghaldaqstant l-Awtorita' tad-Djar qieghda titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jordna ili-konvenuta thallas d-dejn dovut ta' elf tlett mija u tmenin euro u sittin centezmu

(€1,380.60), li hija ngunta ghas-subizzjoni, bl-ispejjes inkluz tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Marzu 2021,(Dok D) bl-interessi minn 31 ta' Ottubru 2019.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret hi jew xi rapprezentant legali taghha ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenuta, kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gie iddikjarat fil-verball fl-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2023. Fl-istess udjenza, gie ipprezentant kapitolu fil-konfront tal-konvenuta. Fis- seduta ta' wara, li kienet fit-18 ta' Jannar 2023, ma deher hadd ghal-konvenuta.

Ikkunsidra;

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' d-dokumenti u li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid- dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-Awtorita' tad-Djar u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuti jhallsu lill-istess Awtorita' tad-Djar is-somma ta' elf tlett mija u tmenin euro u sittin centezmu (€1,380.60) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-31 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri inkluz tal-ittra ufficjali bil-procedura tal-166A, ghandhom jithalsu mill-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**